MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 345/2007

**A C**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju 1997 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel.

2. Illi l-intimata tat l-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-intimata li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-1 ta' Mejju 1997 huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] u dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-konvenuta.

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju 1997 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal xi zmien, u anke jikkoabitaw flimkien.

Illi mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali l-partijiet bdew jirriskontraw problemi li eventwalment irrizultaw li kienu dovuti ghall-fatt li ftit taz-zmien wara z-zwieg l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali ma’ mara ohra. Dan kien fiz-zmien l-ewwel sentejn taz-zwieg.

Illi eventwalment il-konvenuta hafritlu u l-partijiet, wara li kienu sseparaw de facto ghal xi ftit xhur, regghu bdew jikkonvivu; u matul dan il-perijodu ta’ rikonciljazzjoni huma kienu ppjanaw li jkollhom tarbija. Fil-fatt fl-31 ta’ Jannar 2001 twieled it-tifel komuni tal-partijiet.

Illi sussegwentement, ftit wara t-twelid tat-tarbija, regghu bdew jinqalghu l-problemi bejn il-partijiet, u l-konvenuta tghid li hija kienet saret taf li l-attur kien rega’ kellu relazzjoni ma’ mara ohra, u dan ghal diversi xhur. Rizultat ta’ dan, il-partijiet isseparaw de facto, u l-attur telaq mid-dar konjugali.

Mill-provi jirrizulta li llum l-attur ghandu relazzjoni li ilha sejra sitt snin ma’ mara ohra li minnha ghandu tifel; filwaqt li minn naha taghha l-konvenuta ghandha relazzjoni ma’ ragel iehor li minnu ghandha tifla.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta’ l-attur il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu huwa kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-hajja konjugali, fis-sens li ma kienx kapaci jassumi dawn l-obbligi fit-totalita’ taghhom, partikolarment dak tal-fedelta’ fiz-zwieg.

Dan jirrizulta manifest mill-fatt li, ftit wara d-data taz-zwieg huwa dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali, u nonostante t-trawma li ghaddiet minnha l-konvenuta dina xorta wahda hafritlu biex tipprova ssalva z-zwieg; u wkoll il-partijiet ftehmu li jkollhom tarbija; izda nonostante dan kollu, inkluza t-twelid tat-tarbija, l-attur xorta wahda rega’ naqas

mill-obbligi matrimonjali tieghu, bir-rizultat li l-konvivenza matrimonjali bejniethom spiccat.

Il-Qorti thoss li l-komportament tal-attur, nonostante l-indulgenza u l-maturita' li wriet il-konvenuta, kien ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jibnu bejniethom "a community of love and life" naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Izda l-attur ma kienx kapaci jassumi l-obbligi naxxenti minn tali unjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, liema *caput nullitatis* jikkonfigura biss fil-konfront ta' l-attur, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Minn naha l-ohra, il-*capita nullitatis* attribwiti mill-attur lill-konvenuta fir-rikors promotur, ma jsibux sostenn fil-provi.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Mejju 1997.

L-ispejjez jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------